NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Jannar - Frar 1990

Nru. 52

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

## "POSSIBBLI AĦNA AGĦAR MILL-ĠRIEDEN??"

Wieħed Professur twajjeb li kien jgħallem fl-Università tas-Sacro Cuor ġewwa Milan, waqt diskussjoni li kellu ma' l-istudenti tiegħu, dwar il-pjaga tal-pornografija li kienet ħakmet f'nofshom, insegħma jgħid: "Jaħasra veru nitħassarkom lilkom l-istudenti. Intom agħar mill-ġrieden: tieħdu l-velenu u kuntenti b'dak li tkun qed tagħmlu".

Student daqsxejn inqarqaċ li kien fl-ewwel filliera, u li kien jiddelitta li hu l-kelliemi ta' sħabu qallu: "Profs. tgħaġġibhiex! Veru li qed nieħdu l-velenu, iżda ta' l-inqas għidilna li aħna bħal ġrieden u mhux agħar mill-ġrieden!"

Il-Professur bit-tbissima fuq xofftejn ħares lejh u qallu: "Nerġa' ngħidlek li intom agħar mill-ġrieden; għaliex ngħiduha kif inhi: ħadd mill-ġrieden ma jmur jixtri l-velenu hu. Dawn il-velenu jsibuh mqiegħed f'xi post, u huma kulma jagħmlu jiklu minnu. Mentri intom, il-velenu tmorru tixtruh: tħallsu għall-kiri ta' video cassettes, tħallsu għall-magazines oxxeni; tħallsu għall-biljett biex tidħlu taraw xi film maħmuġ. Allura, ħabib, ma tarax li intom agħar mill-ġrieden?".

L-istudenti ma tkellmu xejn. Raw li l-Professur kellu raġun. U naħseb li xi uħud minnhom it-tagħlima ħaduha.

Issa tajjeb nistaqsu ftit lilna nfusna: **"Jien, agħar mill-ġrieden?"**

* *Qed inħallas il-flus biex nikri video cassettes li nistħi narahom quddiem uliedi, jew inkella quddiem il-ġenituri tiegħi?*




* *Qed inħallas il-flus biex intaqqal moħħi u qalbi u ntebba' ruħi u nkeċċi l-paċi minn ġewwa l-familja tiegħi?*
* *Qed inħallas il-flus biex ħakkwista magazines moqżieża li jkolli nara fejn naħbihom sew biex ma tittendix marti bihom, jew żewġi, jew inkella uliedi?*
* *Qed inħallas il-flus biex nixxala minn fuq dan il-velenu, u nipprova niġġustifika lili nnifsi li "kulħadd qed jagħmel hekk"?*
* *Qed inħallas il-flus biex ngħaddi ftit tal-ħin ma' persuna oħra li mhijiex marti, mhux żewġi?*
* *Qed inħallas flus biex inkisser lili nnifsi, lill-familja u lil kull min ikollu x'jaqsam miegħi?*

Jekk it-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet huma IVA allura tieħux fastidju jekk tisma' leħen fil-kuxjenza tiegħek jgħidlek **"INTI AGĦAR MILL-ĠRIEDEN"**.

Għalhekk dan hu l-appell li jiena nagħmel lilkom ilkoll: diġa għandna ħafna għedewwa li qed jipprovaw jirbħuna u jixxalaw minn fuqna. Iżżidx magħhom inti stess, bi flusek. Naħseb li għandek f'hiex tonfoqhom aħjar il-flus, mhux hekk?

## NITĦEJJEW KIF JIXRAQ GĦAŻ-ŻJARA TAL-QDUSIJA TIEGĦU IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

**25 - 27 ta' Mejju 1990**



**IL-BELT VICTORIA**

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

Centru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali:

18.11.89: KATRIN MARÌ bint George Pavia u Rosabelle neè Buttigieg
19.11.89: GLEN, iben Jimmy Gauci u Carmen neè Grech.
19.11.89: MELANIE, bint Victor Zammit u Frances neè Cassar.
8.12.89: ANTHONY, iben Aldo Livori u Maria neè Schembri.
8.12.89: CLAIRE-MARIE, bint Dominic Formosa u Josephine neè Tabone.
9.12.89: DAVID, iben Teddie Borg u Maria neè Pace.
17.12.89: ANDREW, iben George Zammit u Anna neè Agius.
17.12.89: JOSEPH, iben Teddie Sacco u Lina neè Mizzi.
18.12.89: HOLLIE CLARE, bint Edward Vella u Julie neè Freeman.

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:

21.10.89: Joseph Vella (Kercem) u Diane Grech

## Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:

22.11.89: Vincent Spiteri
22.11.89: Carmela Mercieca
28.11.89: Agatha Cremona
29.11.89: Maria Dolores Zammit
11.12.89: Alfred Zammit

**Donazzjonijiet ghar-Rivista:**
Rev. Kan Coronato Grima: Lm1
Nick Gatt (U.S.A.): 20 $, Rev. Kan. L.Camilleri: Lm5
Gigi Said (Australia): 50 Aust.$

**IL-MADONNA FL-ISTORJA TAL-LITURĠIJA U FL-ARTI**

***Kitba dwar il-Madonna fis-seba' festi prinċipali tagħha, kif insibuha fl-istorja tal-Liturġija u fl-Arti.***

*Miktub mill-Kan. Dun. Nikol Vella Apap*

KTIEB INTERESSANTI
LI KULL FAMILJA GĦANDU JKOLLHA

# WARA L-FESTI TAL-MILIED

Għalkemm il-festi tal-Milied ilhom xi ftit li għaddew inħossu li għandna nroddu ħajr li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu biex dak kollu li kien organizzat ikun suċċess. Mijiet ta' tfal attendew kuljum għan-novena tagħhom fil-waqt li ħsibna biex matul dawk il-jiem jittellgħu rigali fost dawk li jattendu. Barra n-novena tat-tfal kellna wkoll attivitajiet oħra għalihom. Insemmu fost kollox il-party li sar għalihom u rigal lil kull tifel jew tifla ingħataw f' dan il-party. Mhux possibbli noqgħodu nsemmu lil dawk kollha li offrew l-għajnuna tagħhom u għalhekk minn qalbna nroddu ħajr lil kull min għen. Kellna wkoll film b'xejn għat-tfal kollha li l-Management tat-Teatru ASTRA joffri kull sena. Tajjeb wieħed isemmi wkoll li għat-tielet sena konsekuttiva ġiet organizzata l-kompetizzjoni għall-aħjar tieqa jew gallerija mżejna għall-Milied. Il-Familja Cassar ta' Assumption Street rebħet l-ewwel Premju u l-Familja Grima ta' Charity Street rebħet it-tieni premju. Ingħataw premju wkoll il-konkorrenti li ġew fit-tielet u r-raba' post. Il-Kumitat ta' l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju ħa ħsieb ir-riżultat.

Matul il-jiem tal-milied u l-ewwel tas-sena l-funzjonijiet fil-Bażilika tmexxew bis-solennità tas-soltu. Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali f'nhar il-Milied fil-għaxija u oħra nhar il-Ħadd 31 ta' Diċembru, fl-aħħar jum tas-sena. Fi tmiem din ta' l-aħħar Mons Isqof intona "Te Deum" ta' Radd il-Ħajr. Il-Bażilika kienet mimlija bħal bajda għall-quddiesa solenni ta' Nofs il-Lejl fil-waqt li l-parroċċa offriet servizz regolari tal-Qrar matul dawn il-ġranet qaddisa. Bħala ringrazzjament lil dawk kollha li matul ius-sena jiffrekwentaw il-Bażilika tagħna fl-1 ta' Jannar fil-quddies kollu tqassmu pocket calendars tal-plastic bi stampa bil-kulur tal-kwadru titulari tagħna.

Il-Kapitlu flimkien mal-Prebyterium kif ukoll membri tal-Kumitati kollha u distributuri tal-Bulettin flimkien ma' oħrajn li jgħinu fl-attivitajiet fil-parroċċa kienu mistiedna għal riċeviment fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali. F'din l-okkażżjoni Mons Arċipriet radd ħajr lil kulħadd għall-għajnuna kbira li matul is-sena tingħata lill-parroċċa biex il-parroċċa tagħna tkun verament parroċċa ħajja.

## *Il-Librerija Parrokkjali*

**Fl-okkażżjoni tal-festi ta' San Ġorġ is-sena li għaddiet ġiet inawgurata l-librerija parrokkjali. Issa qed isir ix-xogħol tal-klassifikazzjoni tal-kotba. Minn dawn il-kolonni nixtiequ nagħmlu appell lill-parruċċani kollha biex min jista' joffri xi kotba jgħaddihom lill-Arċipriet biex inkomplu nżidu l-faċilitajiet tal-librerija. Minn ma jistax joffri kotba jista' joffri xi donazzjoni biex jinxtraw kotba adattati speċjalment għat-tfal. Aħna ċerti li kulħadd jifhem is-siwi ta' proġett bħal dan.**

## Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija:

*Ħdud u Festi:* **Fl-4.00p.m. u fil-5.30p.m.**
*Matul il-ġimgħa:* **Fil-5.00p.m. u fis-6.00p.m.**

**Editorjal:**

# 1990 — Is-Sena taż-Żjara tal-Papa Fostna

Ġa għaddew xahrejn jew tlieta minn mindu l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex xandru l-aħbar li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II ser iżur lill-gżejjer Maltin bejn il-25 u s-27 ta' Mejju li ġej. Il-poplu kollu laqa' bil-ferħ din l-aħbar u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed nimtlew b'entużjażmu biex nagħtu lill-Vigarju ta' Kristu l-merħba li tixraqlu meta jasal fostna.



Imma kif qalulna l-Isqfijiet fil-pastorali li ħarġu fit-8 ta' Diċembru 1989, din iż-żjara tal-Papa m'għandiex tkun biss okkażżjoni ta' ferħ "Imma wkoll ta' grazzja straordinarja mill-Mulej". Għalhekk kien li l-isqfijiet ordnaw li jsir talb speċjali kull nhar ta' Ħamis sakemm jasal iż-żmien taż-żjara tal-Papa.

Kif komplew jgħidu l-Isqfijiet din iż-żjara storika għandha tgħinna biex niġġeddu spiritwalment u ma nibbażawx biss il-fidi tagħna fuq id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tajbin, kemm huma tajbin. Qalulna wkoll li din iż-żjara għandha twassalna biex inħarsu l-valuri nsara bħala patrimonju Malti. L-Isqfijiet qalulna wkoll li l-jiem ta' tħejjija bit-talb għandhom iwassluna lejn l-għaqda nazzjonali bħala aħwa fil-libertà, fil-ġustizzja u fl-imħabba.

Kien għalhekk li dan l-aħħar il-pastorali ta' l-Isqfijiet tqassmet fid-djar kollha biex kulħadd ikollu ċans jifli sewwa l-kelma tagħhom u jagħraf is-siwi taż-żjara pastorali li l-Papa ser jagħmel fil-gżejjer Maltin.

Fil-parroċċa tagħna it-Talb ta' kull nhar ta' Ħamis biex din iż-żjara tkun ta' benefiċċju spiritwali għall-insara kollha beda hekk kif ixxandret iċ-ċirkulari ta' l-Isqfijiet. Barra minn dan mill-ewwel Bulettin tal-Ħadd li jitqassam kull ġimgħa sakemm tasal id-data tant mistennija beda jidher tagħrif dwar il-Papa kif ukoll xi kitbiet tiegħu. Il-quddiem il-parroċċa bi ħsiebha torganizza iktar attivitajiet biex il-komunità parrokkjali tiġi sensibilizzata dwar l-għanijiet ewlenin ta' din iż-żjara.

U issa tajjeb li ngħamlu kumment ukoll dwar it-tħejjija materjali għal din iż-żjara. Safejn nafu aħna sa issa hemm żewġ saċerdoti Għawdxin li qed jattendu l-laqgħat f'Malta bi preparazzjoni għal din iż-żjara. Iżda tajjeb li ngħidu li biex iż-żjara tal-Papa f'Għawdex tkun tabilħaqq suċċess, malli jiġi finalizzat il-programm tiegħu f'Għawdex, għandu jinħatar kumitat b'nies ta' esperjenza u kapaċità biex iħejju kollox u fid-dettal dak kollu li jkun hemm bżonn għal din iż-żjara. Qed ngħidu dan għax mhux l-ewwel darba li nnutajna xi nuqqasijiet f'ċerti okkażżjonijiet djoċesani li setgħu jiġu evitati kieku kien hemm nies li verament jafu x'għandu jsir. Dan mhux qed ngħiduh biex noffendu, iżda biex kollox imur aħjar minn qatt qabel. Mhux il-waqt li jitwaqqaf xi kumitat b'ħafna u ħafna nies. B'għażla bil-għaqal jinstabu nies li kapaċi joffru s-servizzi tagħhom biex din iż-żjara tagħmlilna unur mill-att organizzattiv u tibqa' tissemma' fl-istorja tad-djoċesi tagħna.

Aħna ċerti li ser isir minn kollox biex iż-Żjara tal-Papa tkun organizzata tajjeb u persważi li mhux kollox jiddependi minna l-Għawdxin, imma fejn ser ikun jiddependi minna rridu ngħamlu ħilitna biex kollox isir sewwa u f'waqtu.

## Xogħol fi Pjazza San Ġorġ

***Dawn l-aħħar xhur fi pjazza San Ġorġ sar xogħol tassew siewi biex din il-pjazza tingħata dehra isbaħ. Kienet verament ideja sabieħa li fil-faċċata tal-ħwienet isiru arkati sbieħ u fuqhom jitpoġġew balavostri biex ikomplu jkunu f'konformità ma' l-istil malti. Dan ix-xogħol sar fuq l-inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex li minn dawn il-kolonni nixtiequ nirringrazzjawh filwaqt li aħna persważi li dan mhux ser ikun l-uniku xogħol li ser isir biex Pjazza San Ġorġ tkompli tissebbaħ.***

## LOURDES

***Baqa' ftit postijiet fil-Pellegrinaġġ li qed jiġi organizzat mill-Parroċċa tagħna***

**mit-23 sas-26 ta' Lulju 1990**

*Tagħrif mill-Uffiċċju Parrokkjali*

# LOURDES – Ġenna fil-Pinirej

Kienet ilha tberren f'moħħi bosta snin. Lourdes! Smajt biha bosta drabi, qrajt fuqha kotba sħaħ. Fl-aħħar, malli bdejt naħdem u daħħalt xi ftit tal-flus ibbukkjajt post f'Pellegrinaġġ li kien sejjer 'l hemmhekk.

Għadni niftakar qisu l-bieraħ! Il-jiem biex naslu Lourdes donnu ma setgħu jgħaddu b'xejn. Ruma, Torin, Nimes: tlett ibliet sbieħ, iżda għalija qishom ma esistewx. Moħħi kien Lourdes. Fl-aħħar, kien it-Tlieta filgħaxija, għall-ħabta tas-6.00p.m. wasalna f'belt msejħa TARBES, li hija l-belt li magħa tagħmel Lourdes.

Ix-xemx kienet nieżla! Fil-bogħod bdew jidhru l-muntanji Pirinej, kollha bil-qċaċet tagħhom miksija bis-silġ. It-triq bdiet tidjieq. Is-siġar fuq kull naħa tat-triq bdew donnhom jiffurmaw saqaf; it-triq ta' quddiemna kienet qisha triq tas-sħarijiet.

U bdejna n-niżla lejn Lourdes: Il-muntanji bdew kulma jmur jikbru iżjed, il-wied twessa', it-triq bdiet isserrep. Konna deħlin fil-belt li kont ilni noħlom hafna biha. Bdiet nieżla x-xita: il-kant fil-pullman żdied. Ir-Rużarju sar aktar ħerqan. Fuq il-lemin tagħna deher il-kampnar żnell tiela' 'il fuq, donnu jrid jgħidilna li hemm hu post qaddis, il-ġenna fl-art.

**L-Ewwel żjara lill-Madonna fil-Għar**

Malli wasalna u ċċenajna tlaqna flimkien lejn is-Santwarju tal-Madonna. Ingħaqadna ma' eluf u eluf ta' nies ilkoll mexjin lejn direzzjoni waħda: il-grotta. U hemm, wara li qsamna l-pjazza wiesa ta' quddiem is-Santwarju, u għaddejna minn taħt arkata tal-ġebel, insib ruħi quddiem il-Grotta ta' Lourdes.

Għar imħaxken taħt dagħbien ta' blat, miksi kollu b'ħaxix ħadrani. U fuq, ġo kisra tal-blat, wieqfa, b'idejha marbuta, b'rasha baxxuta, b'faxxa kaħla ma' qadda kien hemm HI, is-sinjura l-Bajda tal-Pirinej, l-Immakulata.

X'jimporta li x-xita kienet għadha traxxax....x'jimporta li ma kienx hemm roqgħa waħda niexfa mal-qiegħa ta' l-art. Inżilt għarkobtejja: u bkejt. Fl-aħħar kont qiegħed fil-għar qaddis ta' din il-Verġni mbierka.

Kemm domt ma nafx. Naf biss, li dawk l-eluf ta' nies li kienu madwari kienu sparixxew, ilkoll kienu mexjin f'purċissjoni twila ta' dawl lejn quddiem is-Santwarju. U jien bqajt hemm: ħarist madwari... skiet, miksur biss minn xi tnehida jew ilfieq imliggem ta' nies morda f'ruħhom jew f'ġisimhom....... U hemm domt ħin twil, sakemm J-għajja tal-vjaġġ ġegħlitni, kontra qalbi, nsellem lil Marija u mmur lejn il-lukanda.

**Quddiesa quddiem il-Madonna**

L-għada sebħet ġurnata sabiħa. Ix-xemx kienet diġa telgħet tittawwal minn wara l-qċaċet tal-muntanji, u ddawwal b'dijietha din il-belt qaddisa.

Il-quddiesa fil-għar kienet donnha differenti mill-quddies l-ieħor kollu. B'lingwi differenti, kant li jinżel balzmu, b'uċuħ ta' nies li, minkejja li mkissra bil-mard, imma għandhom ġewwa fihom il-paċi ta' Alla.

Minn hemm dlonk għall-pixxina. Kienet kesħa xxoqq il-għadam, u ngħid il-veru domt intella' u nniżżel jekk nidħolx jiena ukoll f'dak l-ilma mirakuluż. Kelli nistenna



*Dehra tas-Santwarju ta' Lourdes*

sagħtejn sħaħ, sakemm messni nidħol.

Quddiemi, fl-istess ilma li kont ser nidħol jien, niżel ġuvnott, ġismu kollu pjaga waħda. Tmezmist: iżda ħasset ċanfira ddur ġewwa fiha: "Kemm għandek fidi żgħira". U dħalt, u nżilt u tlabt ħerqan għalija, għall-familjari tiegħi, għal kull min talabni nitlob għalih. U ħriġt bniedem ġdid. Ilbist bla ma kien hemm bżonn nixxotta l-ilma. U f'qalbi lill-Madonna ħassejt li kelli ngħidilha "Grazzi".

**Il-Via Sagra**

Tmur Lourdes u ma tagħmilx il-Via Sagra li hemm hemmhekk ifisser li titlef esperjenza li ma ssibha imkien. Fuq għolja ħarxa, fuq ir-riħ tal-għar, miksija b'siġar kbar li jkomplu isaħħru dan il-post, hemm erbatax il-stazzjon: kull stazzjon iffurmat minn numru ta' statwi tal-bronż, li jippresentawlna l-ġrajja kollha tal-passjoni, il-mewt u d-difna ta' Ġesù.

Gruppi gruppi ta' nies, ta' lingwi differenti, tarahom telgħin bil-mod il-mod, jirreċitaw ir-rużarju, ikantaw u jieqfu jaħsbu ftit quddiem kull stazzjon. Biex titla' hemm fuq trid tbati, iżda hija tbatija li tħossha tgħinek, thennik, u tqaddsek.

**Il-Purċissjoni tal-Morda**

Ħaġa li tolqtok ġewwa Lourdes hija n-numru bla għadd ta' morda: ta' kull età, tfal ċkejknin imgeddsa f'karozzelli żgħar u xjuħ mtaqqla biż-żmien; strechers mogħtija b'għata ta' lewn ikħal. Kull xorta ta' mard: kull xorta ta' slaleb..... mingħajr ma trid ittenni: "Kemm għandi għaliex inroddlok ħajr Mulej".

Purċissjoni mill-isbaħ li ssir ta' kuljum għall-ħabta tal-4.30p.m. hija l-Purċissjoni imsejħa tas-Sagrament. Fiha jieħdu sehem il-morda li jittieħdu minn nurses tagħhom li jimbuttaw il-karozzelli tagħhom minn quddiem il-għar sa' quddiem il-pjazza tas-Santwarju. Fl-aħħar jimxi Ġesù Sagramentat. Il-kant ma jhediex. L-invokazzjonijiet l-

anqas. Għadhom jidwu f'widnejja l-karba mimlija tama: "Mulej agħmel li jiena".... "Mulej agħmel li jiena nfieq".... "Mulej agħmel li jiena nimxi".

Fit-tmiem tal-purċissjoni, hekk kif il-morda kollha jkunu ħadu posthom fuq kull naħa tal-pjazza, Ġesù Sagramentat, f'idejn xi Kardinal jew Isqof li jkun imexxi, jittieħed fost dawk il-morda biex iberikom, u jniżżel fiha saħħa, tama, paċi u ferħ.

Mhux darba jew tnejn isiru mirakli. Iżda l-akbar mirakli ma jidhrux. Huma l-konversjonijiet kbar ta' nies li wara snin twal il-bogħod minn Alla permezz tad-dnub, tarahom jersqu lejn il-Kappella tal-Qrar, fejn hemmhekk ikunu jistgħu jqerru b'lingwi differenti u jerġgħu jitħabbu mill-ġdid ma' Alla.

**Il-Purċissjoni bil-Flambeaux**

Iżda l-karatteristika tal-Lourdes hija l-Purċissjoni li ta' kull lejla minn Marzu sa' Ottubru sserrep minn quddiem il-Għar tal-Madonna, timxi matul l-Esplanade kollu, pjazza kbira u twila ħafna u imbagħad tispiċċa quddiem is-Santwarju tal-Madonna.

Xmara ta' nies: xmara ta' dawl ipetpet.....xmara li tnessik it-toqol tal-ħajja, u tħossok qed tgħix esperjenza li ma tinsiha qatt. Kemm jitla' ħlejju t-talb ta' eluf u eluf ta' Pellegrini, li kulħadd bil-lingwa tiegħu jtenni lill-Verġni Imbierka. Kemm tħossok li għandek trodd ħajr lil Madonna bil-kant tal-*Ave Maria*, li jirbombja mal-wied, jitħallat mal-ilma tax-xmara Gave, u jitla' jintilef il-fuq malqċaċet mudlama, f'innu ta' imħabba lil Verġni Marija.

**L-Aħħar talba**

Ġo Lourdes ma tixba qatt. Il-ħin jgħaddi jiġri. Il-fidi tmissha b'idejk. It-tama tixgħel il-qalbek. Tħossok li trid tħobb lil kulħadd: lil min taf u lil min qatt ma rajt. Is-skiet ta' ġol-Grotta, id-dmugħ iġelben ma' ħaddejn il-Pellegrini, l-ilmijiet li kulħadd jipprova jġorr lejn daru biex donnu jdewwaq lil niesu dak li jkun daq hu ġewwa din il-belt marjana huma l-impressjonijiet li jgħaddi kemm jgħaddi żmien jibqgħu minquxa fil-moħħ u fil-qalb ta' min kellu x-xorti jżur lis-Sinjura ta' Massabielle.

Minn dak in-nhar sa' llum mort tnax il-darba. U kull darba li nkun qed insellem lill-Madonna ġewwa l-Grotta tagħha filwaqt li nroddilha ħajr talli tatni x-xorti niġi nżurha, bi ftit tal-mistħija nitlobha taqlali l-grazzja li nerġa' niġi darba oħra.





*Il-Pjazza ta' quddiem is-Santwarju fejn isiru l-Purċissjonijiet għall-morda u dik ta' bil-lejl.*

# *DRAMM ĠDID FIT-TEATRU ASTRA*

## "LIL HEMM MILL-HENA"

Wara s-suċċess li kisbet l-Għaqda tal-Palk "ASTRA" bl-operetta "Il Cuore di Ben" tas-Surmast Guis. Giardini Vella, issa din l-istess għaqda qiegħda tħejji dramm kbir li jġib l-isem ta' "LIL HEMM MILL-HENA", xogħol tad-drammaturgu Għawdxi, il-Kan. Joe Mejlak.

Dan id-dramm, li fih se jieħdu sehem uħud mill-aqwa atturi tal-gżira Għawdxija, jitratta l-ġrajja ta' familja aristokratika Ungeriża fi żmien ir-rivoluzzjoni li seħħet f'dak il-pajjiż fl-1956. Waqt li barra tinħass l-arja tar-rivoluzzjoni, bejn l-erba' ħitan tad-dar ta' MATYAS KOVACS u l-familja tiegħu jkunu qegħdin iseħħu episodji li jnikktu u jferrħu. Fihom naraw il-mibegħda, l-għira, l-irjus iebsa, il-moħqrija, il-kuntrabandu, il-qtiegħ il-qalb, imħalltin mal-ħniena, l-imħabba, il-kuraġġ, l-altruiżmu, il-patrijottiżmu, il-paċi tal-qalb u l-bqija.

"LIL HEMM MILL-HENA", li se jsir fit-Teatru Astra fis-17 ta' Frar, jiġbor fih karattri sentimentali, bħalma huma ALEXIA, NIKLOS, u MAGDA, karattri qawwija u impressjonanti, fosthom PEDRA, SANDOR, u JANOS, u oħrajn li jisirqu l-qalb ta' dak li jkun għax għandhom fihom dak kollu li huwa tajjeb u li jogħġob, bħal MATYAS, KATIA u l-KARDINAL MINDSZENTY.

Dan ix-xogħol Mejlakjan huwa wieħed ta' valur letterarju għoli ħafna u żgur li se jkun wieħed mill-aqwa xogħlijiet għall-palk li qatt ġiet ppreżentat fil-Gżira tat-Tlitt Għoljiet.

Produzzjoni ta' George Mizzi. Il-Booking jiftaħ is-Sibt 10 ta' Frar.

# PJAN TA' KONSERVAZZJONI GĦAR-RABAT

***Ma nistgħux ma nikkummentawx dwar dak li qed jissejjaħ Pjan ta' Konservazzjoni għar-Rabat t'Għawdex. Dwar dan il-pjan qed jaħdmu tliet studenti li qegħdin fis-seba' sena fil-Kors ta' l-Arkitettura fl-Università ta' Malta. Dan l-aħħar fl-iskola Primarja saret laqgħa li fiha ġew spjegati xi punti minn dan il-pjan. Għal-laqgħa attendew diversi nies interessati u dawn it-tliet studenti żgur li rnexxielhom joħolqu kuxjenza biex ma nkomplux inħassru l-bini qadim u l-istil tiegħu fir-Rabat. Veru li ċertu proġetti kif intqal ser jieħdu snin biex jitwettqu imma aħna ċerti li dak li jista' isir ikun ta' ġid kbir biex jitħares u jiġi apprezzat aktar il-patrimonju li ħallewlna missirijietna. Għall-ewwel ċerti proġetti jidhru xi ftit diffiċli meta wieħed iqis is-sitwazzjoni, però żgur li dawn il-proġetti jkunu ta' benefiċċju għal belt kapitali tal-gżira Għawdxija.***

## *Wirja ta' Ritratti Antiki*



*L-Ewwel statwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel li saret għall-festi esterni tidher quddiem l-imħażen ta' l-Orjenti fi Triq it-Tiġrija (illum Triq ir-Repubblika). Dan hu wieħed mir-ritratti li akkwistajna wara l-Wirja ta' Ritratti Antiki.*

Fl-okkazzjoni tal-Gimgha tal-Parrocca li nzammet bejn il-Hadd 19 ta' Novembru u s-Sibt 25 ta' Novembru 1989 giet organizzata wirja ta' ritratti antiki li ghandhom x'jaqsmu mal-parrocca taghna. Dawn ir-ritratti kienu gew moghtija minn diversi individwi wara appell li kien sar li ser jitwaqqaf arkivju fotografiku tal-parroċċa. Kienu esebiti madwar mitejn ritratt u mijiet ta' nies zaru din il-wirja filwaqt li faħħrudin l-inizjattiva. Bhala rizultat ta' din il-wirja xi persuni ohra waslulna iktar ritratti antiki jew biex jigu mizmuma mill-parrocca jew biex issir kopja tagħhom.

### *Naħsbu għall-Ġimgħa l-Kbira*

# Bradella Ġdida għall-Istatwa tal-VERONIKA

Dan l-aħħar persuna li ma tridx turi isimha offriet is-somma ta' flus meħtieġa biex issir bradella ġdida għall-istatwa tal-Veronika li hija waħda mill-istatwi tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Fil-waqt li aħna wkoll inroddu ħajr lil min ser jagħmel din l-opra tajjeb inżifu li issa baqa' biss żewġ bradelli xi jsiru biex inkunu bdilnihom kollha. Dawn huma l-bradella ta' l-istatwa ta' Ġesù Inkurunat (tal-Porpra) u l-istatwa ta' Ġesù Flaġellat (tal-Kolonna). Meta jsiru dawn, ikollna s-sett kollu komplut. Aħna ċerti li jkun hemm qlub oħra ġenerużi li 'l quddiem joffru l-għajnuna tagħhom biex isiru.

Hawn mhux ta' min iħalli barra l-ħidma li qed iwettaq il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira mwaqqaf fil-parroċċa tagħna. Il-Kumitat jiltaqa' regolarment taħt il-presidenza ta' Mons Arċipriet matul is-sena kollha u jiddiskuti bis-serjetà dak kollu li għandu x'jaqsam ma dawn il-festi għeżież. Lill-membri ħabrieka ta' dan il-Kumitat nirringrazzjawhom tal-kontribut li jagħtu biex dejjem ikomplu jsebbħu u jieħdu ħsieb il-purċissjoni tradizzjonali tagħna, imma wkoll jgħinu fl-attivitajiet li jsiru matul ir-Randan Imqaddes, u anke matul il-Ġimgħa Mqaddsa. Ta' min isemmi hawn il-mejda ta' l-appostli b'affarijiet tal-fuħħar li ġiet armata għall-ewwel darba is-sena li għaddiet. J'Alla nsibu aktar min jgħin biex l-affarijiet marbutin mal-Ġimgħa Mqaddsa jkomplu mexjin 'l quddiem u jiżdiedu anke attivitajiet oħra.

## *Dun Alfred Xuereb jieħu lawrja fit-Teoloġija*



Nhar is-27 ta' Novembru 1989, Dun Alfred Xuereb, qassis mill-parroċċa ta' S.Ġorġ, irnexxilu jikseb dottorat b'summa cum laude fit-Teoloġija mill-Istitut Pontifiċju ta' l-Ispiritualità tat-Teresianum, f'Ruma. Dun Alfred għamel tiftix għat-teżi tiegħu dwar il-Misteru Paskwali fil-ħajja tan-Nisrani. Dun Alfred kien ordnat qassis fis-26 ta' Mejju 1984 mill-Ecc. T. Mons. Nikol Cauchi u ftit xhur wara telaq għal Ruma fejn barra l-istudju ħadem bħala viċi-parroku fil-parroċċa tan-Natività f'Via Gallia. Preżentament Dun Alfred qed ikompli l-ħidma pastorali tiegħu f'Ruma f'parroċċa iddedikata lis-Santissmu Sagrament.

"Leħen il-Belt Victoria" f'isem il-parruċċani ta' S. Ġorġ tifraħ lil Dun Alfred.

# IL-LIBSA TAL-PREĊETT

Kienet tassew deċiżjoni għaqlija li minn din is-sena 'l quddiem it-tfal tal-Preċett, kemm bniet u kemm subien jilbsu libsa komuni li tkun propjetà tal-parroċċa. Dan il-pass ittieħed biex jinqata' darba għal dejjem il-lussu żejjed li kien isir f'ċertu ilbies għal din l-okkażżjoni. L-ilbies tal-Preċett għalhekk minn din is-sena ser ikun l-istess fil-parroċċi kollha u aħna nittamaw li anke meta ikun ser isir xi preċett f'xi okkażżjoni jew ta' festa minħabba l-emigranti jew f'xi knejjes oħra li mhumiex parroċċi, tintlibes l-istess libsa.

Jista jkun li mhux kulħadd ħa gost b'din id-deċiżjoni, imma aħna nħossu, u magħna żgur li jingħaqdu oħrajn, li dan kien pass fid-direzzjoni tajba. Tajjeb li moħħna ma jkunx mitluf x'tilbes it-tifla jew x'ser jilbes it-tifel, imma jkun moħħna li uliedna jingħataw preparazzjoni tajba għal dan il-jum tant għażiż li fih ser jirċievu għall-ewwel darba lil Ġesù. Il-ġenituri għandhom jifhmu l-kobor ta' dan il-jum għat-tfal tagħhom u jkunu lesti huma wkoll li jgħinu bi kliemhom u għemilhom fil-preparazzjoni għal dan il-jum kbir.

Barra minn Malta dawn id-deċiżjonijiet ilhom li ttieħdu kien għalhekk f'waqtu li aħna wkoll f'dan ir-rigward ser naġġornaw ruħna biex jum ta' dan il-kobor ma nkomplux nirrenduh wirja tal-moda, imma nibdew ngħarrfu iktar u nappreżżaw iktar il-veru kobor ta' din il-ġurnata għat-tfal tagħna.

Ngħalqu billi nħeġġu lill-ġenituri biex ikomplu jibgħatu lit-tfal tagħhom għad-duttrina mhux biss sal-Preċett imma wkoll fis-snin ta' wara. Inħeġġu lill-ġenituri wkoll biex jattendu kollha kemm huma għal ftit laqgħat li jsirulhom fil-parroċċa tagħna bi tħejjija għal din il-festa għażiża.

**Kif ġa deher fil-Kalendarju 1990 tal-parroċċa tagħna l-festi tal-Kwaranturi solenni ser jibdew il-Ġimgħa 18 ta' Mejju u jagħlqu l-Ħadd 20 ta' Mejju. Għalhekk il-Jum ta' l-Ewwel Tqarbina ser ikun l-Erbgħa 16 ta' Mejju u l-jum li fih jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof ikun il-Ħamis 17 ta' Mejju, kif jidhru fl-istess Kalendarju.**

## Fl-okkażjoni taż-Żjara tal-Papa:

### *Kompetizzjoni għat-tfal bejn it-8 u 12-il sena*

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar il-Papa:

1. Meta twieled il-Papa Ġwanni Pawlu II?
2. X'kien jisimha l-Parroċċa fejn ġie mgħammed?
3. X'kien jisimhom omm u missier il-Papa?
4. X'għamlet omm il-Papa biex tgħin lill-familja?
5. Għaliex lill-Papa semmewh Karol?
6. Biex mietet omm il-Papa?
7. Meta ġie ordnat Isqof il-Papa Ġwanni Pawlu II?
8. Meta laħaq Papa?

# *Rokna għat-Tfal*

Għeżież tfal,

Illum ħsibt li nirrakkuntalkom storja qasira, imma li minnha tistgħu titgħallmu ħafna affarijiet sbieħ.

F'dak il-wied kbir kienet qamet tempesta mill-eħrex. F'ħin minnhom, raġel fqir u qsajjar, kollu għajjien u mwerwer, ħabbat il-bieb u talab kenn mingħand familja ta' tnejn fqar bħalu. Kien diġa' ħabbat ħafna djar oħra u ħadd ma fetaħlu. Imma dawn it-tnejn daħħluh, tawh jiekol u jixrob ħalib sħun.

"Ħliṣtni mill-mewt", imbagħad qalilhom, "u nixtieq inħallaskom". "M'hemmx għalfejn", wieġbu r-raġel, "aħna għamilna dmirna".

"Imma jiena nixtieq ngħinkom f'xi ħaġa", reġa' l-fqajjar.

"Għiduli x'tixtiequ".

"Insomma", bdiet il-mara, "xtaqna biss li d-dar tagħna kienet fuq il-għolja, għax meta tagħmel ix-xita nkunu se negħrqu."

"Tajjeb. Nieħu ħsieb intellagħħielkom fuq l-għolja fejn ma tkunux fil-periklu," wieġeb ir-raġel fqir. "X'tixtiequ aktar?"

"Xtaqna wkoll li maġenb id-dar ikollna siġra kbira tat-tilju," talab sid id-dar, "ħalli jkollna fejn noqogħdu għad-dell meta tisreġ ix-xemx".

"Dak kollox?" staqsa mill-ġdid il-fqir.

"Jien dejjem moħħi jhewden u nibża' li żewġi jmut qabli," reġgħet il-mara, "u nixtieq li mmutu flimkien u nindifnu taħt is-siġra tat-tilju".

"Għana u ġid ma titħajrux għalihom?" kienet l-aħħar mistoqsija ta' dak it-twajjeb.

"X'nanbuhom, ladarba biċċa ħobż insibuha u għandna l-imħabba u l-paċi bejnietna?" spiċċa biex wieġeb ir-raġel.

"Tajjeb", reġa' l-fqir, "issa orqdu."

"Ma jistax ikun, is-sodda li għandna ħallejniha għalik", reġgħet il-mara.

Imma meta dawk it-tnejn raqdu, il-fqir ħareġ u sejjaħ madwaru mijiet ta' rġiel oħra bħalu u riedhom li f'temp ta' siegħa jtellgħu dik id-dar fuq il-għolja u ħdejha jqiegħdu siġra tat-tilju bil-fjuri. F'qasir żmien, kien lest kollox. Meta dawk it-tnejn qamu fil-għodu, isibu kollox kif xtaqu. Għadda ż-żmien u għexu ħenjin sakemm mietu t-tnejn flimkien u ndifnu taħt is-siġra tat-tilju. Kien il-premju tal-karità li kienu għamlu ma' dak ir-raġel fqajjar.

Tfal, qisu li intom ukoll tkunu dejjem lesti li tgħinu lil kull min ikun jeħtieġ l-għajnuna tagħkom. U tkunu ppremjati żgur!

*Tatà*

***IZ-ZIJU PEPPI***

***KIF TIEĦU SEHEM:***

*Ikteb it-tweġibiet fuq karta flimkien ma' ismek u l-indirizz*

*Ibgħat it-tweġibiet f'dan l-indirizz:*

**L-Editur, "Il-Belt Victoria", Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex.** Żmien sas-Sibt, 3 ta' Marzu 1990. Jingħataw tlett premijiet ta' kotba li jistgħu jitilgħu bix-xorti jekk ikun hemm iżjed minn tlieta li jkollhom it-tweġibiet kollha tajbin. Ir-riżultat jitħabbar fil-ħarġa li jmiss.

# L-Operetta fit-Teatru Astra

L-akbar attrazzjoni tal-palk f'Għawdex fi tmiem is-sena l-oħra reġa' offriha t-Teatru Astra. Għall-okkażjoni l-Management ta' dan it-Teatru tella' l-operetta popolari 'Il Cuore Di Ben' ta' Giuseppe Giardini Vella.

L-ewwel rappreżentazzjoni saret nhar is-Sibt 16 ta' Diċembru filwaqt li show oħra nżammet nhar is-Sibt, 23 ta' Diċembru 1989.

Fiż-żewġ rappreżentazzjonijiet il-pubbliku Għawdxi ġie regalat bi spettaklu kbir ta' kant u żfin. Kien hemm interpretazzjoni tajba ħafna min-naħa tal-atturi prinċipali, il-koreografija kienet eċċellenti waqt li x-xenarju wkoll kien tabilħaqq impressjonanti. Il-ġmiel tal-kostumi kompla jagħti aktar kulur u jagħti dehera mill-aktar pjaċevoli, partikolarment fix-xena ta' taħt il-baħar. Spikka fuq kollox il-ħlewwa tal-kant f'diversi numri mużikali provdut minn kor żgħażugħ ta' madwar 80 ruħ.

Wieħed jista' jgħid bla tlaqliq li l-Astra Stage Group għal darb' oħra rnexxielha toħroġ bl-unuri kollha fi produzzjoni li tagħmel ġieh lit-teatru li tirrappreżenta u l-gżira Għawdxija. Mertu kbir f'dan is-suċċess għandhom bla dubju dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom għal din l-operetta, li kienu ħafna, ewlenin fosthom Mro John Galea, li kellu f'idejh id-direzzjoni mużikali, u Ġorġ Xerri li kien responsabbli mill-produzzjoni u d-direzzjoni ġenerali.









## L-IKLA TRADIZZJONALI TAL-BANDA LA STELLA

Bandisti u membri fid-direzzjoni tas-Soċ. Fil. La Stella nhar il-Ħadd, 21 ta' Jannar attendew għal Ikla li ngħatat f'ġieħhom mis-Soċjetà bħala rikonoxximent tal-ħidma li huma wettqu matul is-sena l-oħra. Il-group kien jinkludi l-Management tat-Teatru Astra u rappreżentanti tad-diversi sezzjonijiet imwaqqfa fi ħdan l-istess soċjetà, fosthom l-Astra Folk Group, l-Astra Tours, l-Astra Dramatic Circle u l-Għaqda Żgħażagħ La Stella.

Fost dawk preżenti kien hemm Mro. Joseph Vella, Surmast Direttur tal-Banda, Dr. Joseph Ellis u Dr Eugene Montanaro, Presidenti tas-Soċjetà, is-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali, Mro. John Galea, Asst. Direttur, u Mons. Salv Borg, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

Fl-istess jum inżammet il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà li matulha nħatar Kumitat ġdid għall-1990.



A&M PRINTING LTD. - 553217